

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/481****tal-20 ta' Marzu 2017****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 dwar l-entrata għall-Istati Uniti tal-Amerka fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati ċerti prodotti tat-tjur lejn l-Unjoni jew isir tranżitu minnha fir-rigward tal-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-frażi introduttorja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punt 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4)(c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 25(2) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 <sup>(3)</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet fl-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, tat-tjur u l-prodotti tat-tjur ("il-prodotti"). Dan jistipula li daww il-prodotti jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu, mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kompartmenti mniżżla fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiż terz, territorju, żona jew kompartment ikun jista' jitqies ħieles mill-influenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI).
- (3) L-Istati Uniti tal-Amerka huma elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiż terz li minnu jistgħu jiġu impurtati prodotti fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu, mingħajr restrizzjoni minħabba l-preżenza tal-HPAI.
- (4) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri sanitarji li jipproteġu s-saħħa pubblika u s-saħħa tal-annimali fil-kummerċ tal-annimali ħajjin u tal-prodotti tal-annimali ("il-Ftehim") <sup>(4)</sup>, kif approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1998/258/KE <sup>(5)</sup>, jipprovdi għal rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' reġjonalizzazzjoni f'każ ta' tifqigħat tal-marda fl-Unjoni jew fl-Istati Uniti tal-Amerka.
- (5) Fl-4 ta' Marzu 2017, l-Istati Uniti tal-Amerka kkonfermaw il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H7N9 fi stabbiliment tat-tjur fil-Kontea ta' Lincoln fl-Istat ta' Tennessee. Għaldaqstant it-territorju kollu ta' dak il-pajjiż terz ma jistax jibqa' jitqies ħieles minn dik marda.
- (6) L-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti tal-Amerka stabbilew żona tal-kontroll ta' 10 km madwar l-azjenda milquta, li kienet tinkludi l-kontej Lincoln, Franklin u Moore fl-Istat ta' Tennessee u l-kontej ta' Madison u Jackson fl-Istat ta' Alabama. L-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Uniti tal-Amerka ssuspendew il-ħruġ taċ-ċertifikati veterinarji għall-kunsinni tal-prodotti maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni minn dawn il-kontej u implimentaw politika ta' eradikazzjoni biex jikkontrollaw l-HPAI u jillimitaw it-tixrid tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠUL 18, 23.1.2003, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠUL 343, 22.12.2009, p. 74.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠUL 226, 23.8.2008, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠUL 118, 21.4.1998, p. 3.

<sup>(5)</sup> ĠUL 118, 21.4.1998, p. 1.

- (7) L-Istati Uniti tal-Amerka ppreżentaw informazzjoni dwar il-qagħda epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u dwar il-miżuri meħuda għall-prevenzjoni ta' aktar tixrid tal-HPAI, u l-Kummissjoni evalwatha. Abbażi ta' dik l-evalwazzjoni, kif ukoll tal-impenji stabbiliti fil-Ftehim u l-garanziji previsti mill-Istati Uniti tal-Amerka, sabiex jitħares id-dritt tal-Unjoni b'rabta mar-riskji għas-saħħa tal-annimali minħabba l-introduzzjoni ta' prodotti fl-Unjoni li jkunu ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerka, huwa xieraq li jsiru restrizzjonijiet fuq l-introduzzjoni ta' prodotti fl-Unjoni mill-kontej tal-Istati ta' Tennessee u Alabama milquta bl-HPAI. Għalhekk, l-entrata għall-Istati Uniti tal-Amerka fil-lista fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jenħtieġ tiġi emendata biex tqis ir-reġjonalizzazzjoni ta' dan il-pajjiż terz minħabba t-tifqigħat attwali tal-HPAI.
- (8) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jenħtieġ jiġi emendat kif xieraq.
- (9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2017.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata għall-Istati Uniti tal-Amerka qed tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	Kodiċi tal- pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-komparti- ment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż- żona jew tal-komparti- ment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjoni- jiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status tas- sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Status tat- tilqim kontra l-influenza tat-tjur	Status tal- Kontroll tas- Salmonella <sup>(6)</sup>
			Mudelli	Garanzji addizzjonali		Data tal- għeluq <sup>(1)</sup>	Data tal- ftuħ <sup>(2)</sup>			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"US — l-Istati Uniti tal- Amerka	US-2.23	L-Istat ta' Tennessee: il-Kontea ta' Lincoln, il-Kontea ta' Franklin, u il-Kontea ta' Moore	WGM	VIII	P2	4.3.2017				
			POU, RAT		N					
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20		P2			A		S3, ST1
	US-2.24	L-Istat ta' Alabama: il-Kontea ta' Madison, u il-Kontea ta' Jackson	WGM	VIII	P2	4.3.2017				
			POU, RAT		N					
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20		P2			A		S3, ST1"